**Il-5 Sena** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa**

Isem: ______________________________ Klassi: ______________



## A . Aqta' sinjal taħt it-tajba:



1. Alla (xtara, ħalaq, sab) il-ħolqien kollu.
2. Meta nitolbu nkunu qiegħdin (nitkellmu, naraw, niġġieldu) ma' Alla.
3. Ġesù kien l-aktar bniedem (supperv, kbir, imqareb).
4. Il-Madonna (aċċettat, ma aċċettax, ordnat) li tkun omm Ġesù.
5. Eliżabetta laqgħet lil Marija (bil-herra, bil-ferħ, bid-dwejjaq).
6. Mosè għamel dak kollu li (Alla, l-Fargħun, Ġetru) riedu jagħmel.
7. David kien sultan tajjeb għax dejjem (obda lil Alla, għamel li ried, ħalla kollox għaddej).
8. Isaija kien l-ewwel profeta li ħabbar il-miġja ta' (Marija, Ġwanni l-Battista, Ġesù).
9. Eżekiel ried juri lill-poplu li Alla kien lest biex (jikkastigahom, ikeċċihom, jgħinhom).
10. Ġesù ġie fid-dinja biex (isalva l-bnedmin, juri li hu kbir, isir sultan ta' veru).

(10 marki)

---

**B.**

1 = a
2 = e
3 = I
4 = o
5 = u

**F'dan iċ-ċirku issib numri u vokali. Hawn taħt hawn sentenza li flok vokali għandha numri. Ibdel in-numri mal-vokali skond iċ-ċirku biex tifforma sentenza li qal San Pawl.**



3 n t 4 m 3 t - t 2 m p j 5 t 1 ' 1 l l 1 5
f 3 k 4 m 3 g ħ 1 m m 1 r l - 3 s p 3 r t 5
t 1 ' 1 l l 1 .



Issa f'din il-kaxxa vojta ikteb is-sentenza mill-ġdid bil-vokali minflok numri.

______________________________________________

______________________________________________

(10 marki)

**Ċ.**



**Min jien?**
**Ikteb fil-vojt l-isem tal-persuna. Dawn in-nies kollha jissemmew fil-ktieb tar-Reliġjon "Lejn il-Missier 5".**

1. Rajt xitla ta' l-għollieq taqbad li ma tinqeridx. M ________________
2. Ħadt il-qarn biż-żejt u dlikt quddiem ħutu lil David it-tifel iż-żgħir ta' Isaj. S ________________
3. Qtilt il-ġgant Gulija biċ-ċagħka u l-iżbandola D ________________
4. Kont ngħir għalih u xħetlu lanza imma David tbaxxa u l-lanza weħlet mal-ħajt. S ________________
5. Imbagħad wieħed mill-anġli qabad ġamra min-nar messha ma xofftejja u qalli "Ara xofftejk huma ndaf. Dnubietek maħfura." I ________________
6. Il-Mulej urieni wied kbir mimli għadam niexef qoxqox. E ________________
7. Alla għażilni biex inkun omm Ġesù M ________________
8. Missieri jismu Bernardone, negozjant tad-drappijiet wieħed mis-sinjuri ta' Assisi. S_____ F ___________
9. Dak inhar li tgħammidt fix-xmara Ġordan, l-Ispirtu Santu deher forma ta' ħamiema. Ġ ________________
10. Fis-sena 1597, f'Nagasaki fil-Ġappun jiena flimkien ma' sħabi ġejt imsammar ma' salib fuq għolja barra l-belt. P _____ M __________

(20 marka)

---

**D.**



**Aqra din is-silta u wara kompli s-sentenzi.**

"L-ispirtu tal-Mulej fuqi għax Hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, rrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej."



1. Dan il-kliem qalu Ġ_______________ .
2. Hu kien qiegħed fis-sinagoga ta' N_______________ .
3. Ġesù stess qal li l-I_______________ s-S_______________ kien dejjem miegħu.
4. Ġesù qal lin-nies li dak il-kliem li kien qed jaqra kien għalih in_______________ .
5. Dan il-kliem kien fil-ktieb tal-profeta I_______________ .

(10 marki)



## E.



**Imla din it-tisliba skond s-sentenzi li hemm taħt**

Mimdudin: (2) Kien sultan u jaf idoqq l-arpa

_______________

(4) Ġesù miet fuq dan _______________

(1) Il-Lhud qasmu l-baħar tal-

_______________

(3) Mosè kien _______________ imma trabba l-Eġittu.

(5) Ġesù twieled f'din il-belt.

_______________




(10 marki)

---

## F. San Martin – Il-Ħabib Tal-Fqar



Hawn taħt issib storja fuq San Martin. Ġara iżda li xi ħadd ħawwad is-sentenzi. Agħmel is-sentenzi wara xulxin billi tpoġġilhom in-numri fiċ-ċrieki. Fiċ-ċirku ta' dik li għandha tkun l-ewwel sentenza diġà hemm in-numru 1.




a. F'daqqa waħda lemaħ tallab iterter bil-bard. ◯

b. Niżel malajr minn fuq iż-żiemel. ◯

ċ. Meta kellu 18-il sena bagħtuh fil-belt ta' Amiens. (1)

d. Ħareġ ix-xabla, qasam il-mantell li kellu fi tnejn u ta nofsu lil dak il-fqir. ◯

e. Beda jfittex il-flus iżda sab li ma kellu xejn. ◯

f. Jum wieħed kien ħiereġ minn bieb il-belt riekeb fuq żiemel ◯

(10 marki)

---

**Ġ.** 

**Imla` l-vojt b'dawn il-kliem**
**proxxmu, jħennu, miegħi, Ġesù, jaħfrilna**

1. Din l-istorja ta' San Martin tfakkarna f'dak li jgħidilna _______________ .
2. Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn iż-żgħar tkunu qegħdin tagħmluh _______________ .
3. Ġesù qalilna wkoll "Ħenjin dawk li _______________ għax huma jsibu l-ħniena."
4. Aħna ukoll nixtiequ li Alla jħenn għalina u _______________ .
5. Għandna nħennu għall-_______________ tagħna fil-ħwejjeġ li jolqtu l-ġisem u anki r-ruħ. (5 marki)

---

**G.** 

**Fl-istampa qed naraw il-qassis.**

a) Semmi 4 affarijiet li jagħmel il-qassis fil-parroċċa.

1) _______________
2) _______________
3) _______________
4) _______________ (8 marki)

b) Inti x'tista' tagħmel fil-parroċċa tiegħek wara li tirċievi s-sagrament tal-griżma.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

ċ) Ikteb talba lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek tkun ta' ġid għall-oħrajn.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

---

**GĦ.** **Qabbel billi tikteb in-numri fil-kaxxa.** 

| | | |
|---|---|---|
| 1. Is-salmi huma | | meta nkunu onesti f'moħħna u f'qalbna. |
| 2. Meta nimxu mal-kmandamenti | | kif jaħsibha ħaddieħor. |
| 3. Lil Ġesù rridu nwassluh | | bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 4. Bħala membri kbar tal-knisja | | jagħmilna membri kbar tal-knisja. |
| 5. Marija tatna lil Ġesù | | f'Għid il-Ħamsin. |
| 6. Inkunu kbar quddiem Alla | | nimxu fit-triq it-tajba. |
| 7. Ġesù qatt ma kien iħossu waħdu | | lill-oħrajn. |
| 8. Fil-Griżma l-Ispirtu s-Santu | | innijiet lil Alla. |
| 9. L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli. | | għax miegħu kellu l-Ispirtu s-Santu. |
| 10. Għandna dejjem nirrispettaw | | rridu nibqgħu membri f'xi għaqda. |

(10 marki)

---